MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' April, 2012

Appell Civili Numru. 15/2004/1

**Rikors Numru: 15/2004**
**Adrian Salomone, Joanna Bonello Ghio, Ferdinand Grech, Vanessa Salomone Said, Jeremy Salomone, Anna Galea, Maria Dolores D'Agatha, Adrian Ellul, Joseph Ellul, Antoinette Pullicino, Elizabetta sive Betta Ellul, Andre Bianchi.**

**vs**

**Mario Gauci u Ufficju Kongunt**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Illi fit-30 ta' Mejju 2011 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi: -

*"Il-Bord.*

*Ra r-rikors promutur li jghid:*

*Illi huma proprjetarji flimkien mal-Ufficcju Kongunt tal-fond 43/1 South Street Valletta li huma jikru lil Mario Gauci bil-kera ta' Lm44 kull sena kull 10 ta' Jannar;*

*Illi dan il-post jinkera ghall-abitazzjoni;*

*Illi dan il-fond gie sullokat u/jew imwelli u/jew cedut lil Reuben Gauci li ghandu karta tal-identita' numru 287776M u li l-ewwel darba li deher registrat bhala votant fuq il-fond imsemmi kien Ottubru 1999;*

*Illi inoltre dan il-post qed jinzamm maghluq u b'dan l-eghluq qed isir bdil fid-destinazzjoni tal-fond stante li qed isirlu l-hsara bin-non uso;*

*Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord joghgbu jordna r-ripreza tal-fond 43/1 South Street Valletta taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet li dan il-Bord joghgbu xieraq u oppurtun u dan fi zmien qasir u perentorju;*

*Ra r-risposta tal-intimat Mario Gauci:*

*Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt;*

*Illi r-rikorrenti ilhom mill-1999 jaccettaw li l-imsemmi Reuben Gauci li huwa n-neputi ta' Mario Gauci jghix fl-imsemmi fond u accettaw diversi skadenzi ta' kera mill-imsemmi Reuben Gauic;*

*Illi bla pregudizzju ghas-suespost mhux minnu li dan il-post*
*qed jinzamm maghluq u fi kwalunkwe kaz din it-talba hija djametrikament opposta ghall-ewwel talba tar-rikorrenti;*

*Kwindi t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjes;*

*Semgha l-provi;*

*Ra l-atti kollha tar-rikors;*

*Ikkonsidra:*

*Illi mill-atti ma tirrizulta ebda risposta tal-intimat Ufficcju Kongunt ghat-talbiet tar-rikorrenti, liema intimat huwa kopropretarju tal-fond in kwistjoni;*

*Illi in primis dawn huma konsiderazzjonijiet dwar it-talba tar-rikorrenti bazata fuq il-premessa ta' sullokazzjoni, twellija jew cessjoni tal-kirja favur Reuben Gauci minghajr il-kunsens tas-sidien. Minn ezami tal-atti jemergu is-segwenti fatti. Dan il-fond kien mikri ghand in-nanniet tal-intimat Mario Gauci u l-familja Gauci ghamlet zmien toqghod f'dan il-fond. Ghal xi raguni li ma tirrizultax mill-atti*
*processwali, r-ricevuti tal-kera kienu jinhargu fuq isem l-intimat Mario Gauci li skont id-dokumenti JBB1 sa 17 juru li dan sehh mill-1991 sal-2002. F'dan il-perjodu omm u missier l-intimat kienu jirrisjedu fil-fond u hekk jidher li min-nanniet tal-intimat, l-fond ghadda ghand uliedhom, il-ġenituri tal-intimat, sakemm mietu izda r-ricevuta kienet nel frattempt tohrog fuq l-intimat. Binhom l-iehor, Albert Gauci, izda ma baqghax jghix flimkien mal-genituri wara li zzewweg. Bin Albert Gauci, li huwa Reuben Gauci, u allura n-neputi tal-intimat Mario Gauci, jinghad li kien qieghed jghix man-nanniet tieghu fil-fond in kwistjoni sabiex izommilhom kumpanija ghaliex l-intimat kellu hinijiet twal tax-xoghol minkejja li kien jghix hemm ukoll, izda mal-mewt taghhom baqa' jghix fil-fond in kwistjoni. Jemergi wkoll illi Mario Gauci halla r-residenza tieghu u beda jghix f'Ghawdex. Dan tixhdu sew l-karta tal-identita' tieghu kif ukoll ix-xhieda tieghu stess. Mario Gauci stess jghid illi mill-1987 kien biddel l-indirizz residenzjali tieghu u maz-zmien kien beda jqatta hafna inqas zmien f'Malta tant li bejn l-1996 u l-2002 kien imur fil-fond in dizamina forsi darba kull xahrejn meta allura kien beda diehel in-neputi Reuben Gauci. Mal mewt tal-ahhar genitur tieghu fl-2002, ma baqax aktar konnessjoni mal-fond mikri. Reuben Gauci jghid illi ilu registrat ufficjalment bhala li joqhod fil-fond mill-1999 izda missieru xehed illi ibnu kien ilu jorqod*

*man-nanniet, allura l-genituri tieghu, minn meta kellu tnax-il sena, illum ghandu 35 sena.*

*Dwar din l-ewwel premessa, tajjeb ghalhekk li jkunu rikapitolati aspetti tax-xhieda prodotti:*

*Joseph Busuttil, amministratur tal-eredi tal-familja Salamone, jghid illi r-residenti attwali tal-fond kienu Joseph u Margaret Gauci [il-genituri ta' Mario Gauci u n-nanniet ta' Reuben Gauci]. Mario Gauci, li f'ismu kienet tohrog ir-rivecuta tal-kera, kien talbu f'zewg okkazzjonijet sabiex jixtri l-fond u f'Jannar 2001 kien talab sabiex il-kera ddur fuq Reuben Gauci u wara li kien sar jaf bil-mewt tal-armla ta' Joseph Gauci fl-2002, ma accettax kera aktar stante li rrizultalu li Mario Gauci kien qed jghix Ghawdex. Minn stharrig li ghamel irrizultalu li l-kontijiet tad-dawl u ilma bdew johorgu fuq Reuben Gauci fl-1999 u kellu servizz tat-telefon stallat fuq ismu f'Jannar 2001. Kopja tal-karta tal-identita' tieghu mahruga fi Frar 2002 turi wkoll li kien qieghed jirrisjedi f'dan il-fond;*

*Rapprezentant tal-Water Services Corporation ikkonfermat illi s-servizz tad-dawl u l-ilma fil-fond in kwistjoni kien registrat fuq isem Mario Gauci sat-22 ta' Lulju 1999 u wara dik id-data inqaleb fuq Reuben Gauci;*

*Rapprezentant tas-socjeta' Maltacom pls ikkonferma wkoll illi fuq talba ta' Reuben Gauci kien stallat servizz tat-telefon*
*f'dan il-fond f'Jannar 2001. Servizz li kellu Mario Gauci inqaleb fuq talba tieghu ghal fuq Reuben Gauci izda din il-linja kienet mnehhija fuq talba ta' dan l-ahhar f'Dicembru 2002;*

*Rapprezentant iehor tal-Water Services Corporation xehed illi l-konsumatur registrat ghal servizz domestiku ta' dawl u ilma fil-fond 6, Vestru Xaghra, Ghawdex huwa fuq Mario Gauci;*

*Mario Gauci jghid illi ilu registrat bhala residenti Ghawdex mill-1987. Huwa jaqbel ma' dak kollu li qal Joseph Busuttil fl-affidavit [a fol 47] hlief fuq il-punt numru hamsa hemm*

*elenkat u cioe li rrefera ghal Reuben Gauci bhala huh ghaliex dan huwa fil-fatt t-tifel ta' huh. Jghid illi mill-1996 sas-sena 2003 kien imur fil-fond in kwistjoni madwar darba kull xahrejn u "beda diehel hu [Reuben]" (fol 108) u l-kera kien ihallasha Reuben u ma kienx jaf li r-ricevuta tohrug fuq Mario. Izda f'seduta ohra (fol 114) jghid li wara li l-kera "kienet fuq in-nannu Egidio Gauci mbaghad qlibtha fuqi … anyway kienet inqalbet fuqi iva". Fix-xhieda tieghu missier Reuben Gauci, jghid li l-kera kien johrogha Reuben u jmur biha hu (missieru) ghaliex peress illi joqghod ir-Rahal l-Gdid kien akar vicin tal-Marsa fejn kien isir il-hlas. Punt interessanti kien sollevat mill-istess xhud meta jghid illi f'Jannar 2001 kien kiteb lill-amministrattur Joseph Busuttil sabiex jaqleb il-kera fuq Reuben Gauci, haga din li kkonfermaha l-istess Busuttil fl-affidavit tieghu put numru hamsa;*

*Reuben Gauci xehed huwa kien joqghod man-nanna tieghu u l-kera kienu jhalsuha bejnithom u li r-ricevuta dejjem harget fuq zijuh Mario. F'Dicembru 2003 l-amministratur kien qabel li l-kera idur fuq Reuben Gauci u kien talbu cheque u kopja tal-karta tal-identita' tieghu u ta' Mario Gauci u dawn intbaghtu lil Busuttil li izda baqa' qatt ma wiegebx. Dan ic-cheque qatt ma ssarraf;*

*Il-gara ta' Gauci xehdet illi ilha tghix f'dik il-blokka appartamenti mindu twieldet ghal dawn l-ahhar 28 sena u tiftakar lill-konjugi Gauci jghix hemm "kien hemm Mario u kien hemm Reuben imbaghad" (fol 125). Tghid ukoll illi meta mietet in-nanna, Reuben kien ilu hemm;*

*Missier Reuben, Albert Gauci spjega kif ibnu baqa' joqghod fil-fond wara li ghamel zmien jghix hemm biex izomm kumpanija lin-nanna. Illum ghandu 32 sena u kien ilu joqghod hemm minn mindu kellu 11-il sena. Minkejja li huh Mario kien joqghod hemm, dan kellu xoghol bix-shift u kien ghalhekk li kien dahal Reuben. Dan ix-xhud ikkonferma li hu kien inghata struzzjonijiet minn Busuttil biex jibghat cheque tal-kera u fotokopja tal-karta tal-identita' ta' ibnu u ta' Mario Gauci u fil-fatt hadlu dawn l-affarijiet huwa stess. Dan ix-xhud jaqbel ukoll illi l-appartament originarjament kien mikri lin-nannu tieghu u*

*wara lil Mario Gauci izda minkejja dan, it-tifel Reuben kien itih l-flus u jinzel bihom il-Marsa biex jghaddihom lis-sidien u r-ricevuta kienet tohrog fuq Mario Gauci.*

*Dawn il-fatti juru illi din kienet kirja xi ftit anomala ghaliex filwaqt illi s-sidien jirrikonoxxu illi l-fond kien mikri lil missier u omm Mario Gauci, l-ircevuta tal-kera kienet tohrog fuq l-istess Mario Gauci. Dan necessarjament jimplika illi Reuben Gauci qatt ma setgha jkun intitolat biex ikompli jirrisjedi fil-fond ghaliex ma jirrintrax fid-definizzjoni ta' kerrej wara l-mewt tan-nanna tieghu skond l-artikolu 2 tal-Kap 69 ghaliex il-kerrej kien Mario Gauci u Mario Gauci telaq minn din ir-residenza u mar jghix post iehor.*

*Ghalhekk filwaqt illi s-sidien jirrikonoxxu lil Mario Gauci bhala l-kerrej, haga din ukoll accettata minn Reuben Gauci peress li kien ihallas hu u r-ricevuta tohrog fuq Mario Gauci, ma jistax issa jinvoka li hu membru tal-familja tal-mejta nanna tieghu ghaliex din ma kenitx l-inkwilina skont il-ligi. Jibqa' l-fatt izda illi Reuben Gauci xorta wahda kien qieghed jirriesjedi f'dak il-fond. Minn dak li sema' l-Bord ma jirrizultax illi kien hemm sullokazzjoni jew cessjoni: Fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet* ***Rita Pirotta vs Simon u Anne-Marie konjugi Carbonaro App 17.11.2004*** *kien ritenut "legalment ma setax kien hemm cessjoni vera u proprja tal-kirja in kwantu fis-sens strett tal-Kodici Civili jinsab kontemplat illi gjaladarba c-cessjoni hija bejgh ta' kreditu, ta' jedd jew ta' azzjoni (Artiolu 1469), dak il-Kodici jesigi "ad validitatem" li c-cessjoni ssir bil-miktub (Artikolu 1470), oltre li jrid ukoll ikun hemm korrispettiv li hu rekwizit essenzjali ta' kull xorta ta' bejgh u ta' assenjazzjoni. Dan jghodd ukoll ghac-cessjoni ta' kirja billi, kif deciz, "la cessione d'affitto soggiace alle regole relative alla cessione dei diritti in generali e quindi dev'essere fatta in iscritto" (Kollez. Vol XVI P II p 140)";*

*Oltre dan, kien ukoll ritenut fl-istess sentenza illi " ma jistax ikun dubitat illi huwa lecitu li l-kerrej jirrinunzja ghall-kirja favur persuna ohra. Gja f'sentenza ohra precedenti ghal dik citata mill-ewwel Qorti kien ritenut illi "inkwilin li jipprezenta persuna ohra lil sid il-kera biex dan jirrikonoxxija bhala inkwilina gdida tieghu minfloku ma*

*jaghmilx cessjoni tal-inkwilinat, imma semplicement dikjarazzjoni illi huwa jrid jitlaq il-lokazzjoni” – “***Rogantino Degabrieli vs Giuzeppe Xuereb et” Qorti Civili, Prim’Awla, 7 ta’ Frar 1946 (Kollez. Vol XXXII P II p 208).** *Dan qed ikun sollevat minn dan il-Bord ghaliex sullokazzjoni jew cessjoni jehtieg li tkun pruvata minn minn jallegaha fi grad ‘l mill-probabbli.(Ara sentenza* ***Josette mart Dr. Stilon et vs Anthony Agius App 11.2.2004****). Ir-rikorrenti ma nnewtralizzax l-allegazjoni tax-xhieda tal-intimat li jghidu li l-amministratur Joseph Busuttil talabhom cheque ghal hlas tal-kera wara li qalilhom li kien ser jirranga dwar it-talba ta’ Mario Gauci li jeqleb il-kera fuq Reuben Gauci. Ix-xhieda qalu li hu talabhom ukoll kopja tal-karta tal-identita’ ta’ dawn l-ahhar tnejn u l-verzjoni taghhom ghandha titqies bhala wahda veritiera mhux biss ghaliex mhux kontradetta izda wkoll ghaliex tajjeb li jkun mfakkar li l-istess Busuttil kien ipprezenta fotokpja tal-karta tal-identita’ ta’ Mario u Reuben Gauci u meta mistoqsi minn fejn akkwista dawk il-kopji, huwa stess ikkonferma li kienu ghad-dewhomlu huma. Il-Bord ma ghandu l-ebda ezitazzjoni biex jemmen li dan il-fatt sehh kif intqal ghaliex hawn temergi l-istrategija ta’ Busuttil biex jipprova li Mario Gauci kien qed jghix band’ohra u Reuben Gauci kien qed jghix fil-fond in kwistjoni. Ic-cheque, izda, baqa’ ma ssarrafx u dan l-agir ghandu l-konsegwenzi tieghu. Fis-sentenza,* **Joseph Pisani vs Victor Eminyan nomine App 27/4/1992** *kien ritenut illi f’kaz li d-debitur jircievi cheque bi hlas u jibqa’ ma jsarrafx dan ic-cheque minghajr ma jirritornah lura lill-offert, ghandu jitqies li dak il-hlas ikun sar. Dan kien kaz deciz mill-qorti kummercjali bejn zewg kummercjanti u deciz b’approvazzjoni mill-Onorabbli Qorti tal-Appell li qablet li huma r-regoli kummercjali, naturalment, li jirregolaw lill-partijiet u kwindi r-regoli dwar cheques fil-hajja kummercjali ghandhom ukoll japplikaw ghall-kwistjoni ta’ morozita’ bejn zewg kummercjanti. Dan il-Bord jara somiljanza bejn iz-zewg kawzi ghaliex fl-ewwel istanza kien ukoll deciz illi l-principju generali li obligazzjoni ghandha tkun onorata in bona fede skont il-principji tal-ligi civili u fil-kaz in dizamina, l-Bord jhoss illi meta l-amministratur talab li jithallas b’cheque ghaliex “nahseb nirrangaw” bl-iskop uniku li jdahhal lid-detentur*

*fin-nasba tal-morozita' u jottjeni kopja tal-karti tal-identita, kien saret in mala fede. Fil-kaz in dizamina, ifisser illi bl-azzjoni jew inazzjoni tal-amministratur taghhom, is-sidien rikorrenti kienu accettaw il-kera dovuta ghas-sena 2003 minghand Reuben Gauci bil-konsegwenza li kienu accetawh ukoll bhala l-inkwilin il-gdid tal-fond.*

*Ikkunsidra inoltre illi r-rikorrenti ma ressqu ebda prova dwar l-allegazzjoni taghhom li l-fond kien qed jinzamm maghluq bil-konsegwenza li dan igib mieghu bdil fid-destinazzjoni tal-fond u hsara. Il-fatt illi ma jwiegeb hadd kull darba li cempel u acceda l-amministratur huwa spjegabbli peress illi Reuben Gauci jahdem bhala ghalliem u ma jkunx id-dar qabel il-hamsa kif spjega missieru, oltre l-fatt li f'dik l-epoka kien ghamel zmien tliett gimghat imsiefer.*

*Ghal dawn il-motivi, Il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra taghhom."*

Rat ir-rikors tal-appell ta' Adrian Salomone et datat 17 ta' Gunju 2011 fejn talab lill-Qorti sabiex *in vista* tal-aggravji minnu mressqa tilqa' l-appell tieghu u dan billi tirrevoka u thassar is-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimat Mario Gauci appellat.

Rat li dan l-appell kien gie appuntat ghas-smigh ghas-seduta tas-17 ta' Novembru 2011.

Rat illi minkejja li l-intimat Mario Gauci gie notifikat bir-rikors tal-appell baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat ir-risposta tal-appell tad-direttur tal-ufficju kongunt datata 22 ta' Lulju 2011 a fol 9 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-17 ta' Novembru 2011 fejn meta ssejjah l-appell deher Dr. Stefano Filletti ghall-appellat Ufficju Kongunt, Dr. Edward DeBono ghall-appellanti u Dr. Simon Micallef Stafrace ghall-appellat Mario Gauci. Id-difensuri trattaw il-kaz. L-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghas-26 ta' April 2011.

Rat l-atti kollha tal-istess kawza inkluz id-decizjoni tal-Bord li jiregola il-kera fl-ismijiet premessi datata 30 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-appell odjern huwa fis-sens li gie ppruvat li l-fond kien mikri lil Mario Gauci li ma baqax jghix fl-istess fond, u minfloku beda jghix Reuben Gauci tant li dan *inter alia* biddel is-servizzi tat-telefon fuqu mill-1999, u la darba l-istess Mario Gauci mhux membru tal-familja, skond id-disposizzjonijiet tal-artikolu 2 tal-Kap. 69 mela allura s-sidien ma kienux obbligati li jirrikonoxxuh bhala kerrej u fil-fatt qatt ma irrikonoxxewh bhala tali u ghalhekk jidher li effettivament Mario Gauci ceda l-fond in kwistjoni lil Reuben Gauci minghajr il-permess tas-sidien, u ghalhekk it-talbiet attrici kellhom jigu milqugha.

Illi din il-Qorti thoss li mill-provi prodotti jirrizulta ppuvat li l-inkwilin Mario Gauci ma baqax juza l-istess fond ghar-residenza tieghu tant li mar joqghod Ghawdex, u wkoll li ceda l-uzu tal-istess fond lil Reuben Gauci b'mod esklussiv fis-sens li kien dan l-istess Reuben Gauci li beda jghix fl-istess fond u allura hemm prova univoca u kredibbli sal-punt li twassal lil din il-Qorti, u fil-verita' lil kull Qorti, li l-inkwilin ma kienx ghadu bhala fatt juzufruixxi mid-drittijiet lilu kompetenti bhala kerrej u kien l-istess Mario Gauci li ghadda tali drittijiet, komprizi fit-tgawdija tal-haga lilu mikrija lil imsemmi Reuben Gauci. B'hekk gie ppruvat li l-inkwilin b'mod reali ma zammx ghalih il-kirja u li konsegwentement ma kienx ihossu dwarha responsabbli ghall-oggett lokat verso s-sid jew sidien, u dan huwa kollu konsistenti ma' dak li gie deciz fis-sentenzi **"Concetta Theuma et vs Rev. Dun Gwann Mercieca"** – A.C. – 20 ta' Frar 1996; u **"Joseph Fenech Clarke vs Alfred Borg et"** – A.C. – 30 ta' Mejju 1997).

Illi hawn issir riferenza ghas-sentena **“Richard Borg et vs Emanuel Degiorgio et”** (P.A. (G.C.D.) – 8 ta’ Frar, 2002) fejn gie osservat li:-

*“Il-qorti ghandha thares mhux lejn il-forma ta’ barra izda lejn it-tifsira tassew tan-negozji guridici. Jekk issib illi l-kerrej effettivament qata’ r-rabta mal-fond mikri ghax ceda n-negozju, ghalkemm mhux ukoll formalment il-kiri, lil terzi, mela ghandha ssib ukoll illi effettivament, ghalkemm mhux formalment, ceda l-kiri wkoll. Dan ma jfissirx illi kerrej ma jistax iqabbad lil haddiehor bhala institur biex imexxilu n-negozju, izda n-negozju, bir-riskji u l-beneficcji tieghu, ghandu jibqa’ tal-kerrej. Jekk in-negozju jghaddih lil haddiehor, tkun biss interpretazzjoni artificjali u formalistika li tghid li mieghu ma ghaddiex ukoll l-interess fil-kiri tal-fond fejn dak in-negozju jkun gestit.”*

Illi din l-istess Qorti fis-sentenza hawn citata abbraccjat il-hsieb tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fl-ismijiet **“Judas Thaddeus Cassar versus Paul Tabone”** (A.C. – 17 ta’ Gunju, 1999) u sostniet li:-

*“Sakemm jibqa’ stabbilit l-interess personali ta’ l-intimat fin-negozju u fil-hanut fejn dan hu gestit, u jirrizulta wkoll element ta’ kontroll fuq il-gestjoni, ma tista’ tirrizulta ebda sullokazzjoni.”*

Illi din il-linja ta’ hsieb giet akkolta wkoll sussegwentement mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-sentenza ricenti “**Maltese Cross Company Limited vs Mark u Rita konjugi Schembri et”** (A.C. – 3 ta’ Frar, 2009) u mis-sentenza **“Dr. Anthony Rutter Giappone nomine vs Arcades Limited”** (P.A. (RCP) – 26 ta’ Marzu 2009) li irritjenew ukoll illi:-

*“Il-Qorti ghandha thares mhux lejn il-forma ta’ barra izda lejn it-tifsira tassew tan-negozji guridici bejn l-inkwilin u t-terz biex effettivament tikkonsidra x’rabta fadallu, jekk fadallu, l-inkwilin mal-fond mikri. Jekk minn din l-analizi l-Qorti issib li l-kerrej effettivament qata’ r-rabta mal-fond mikri ghax ceda n-negozju, ghalkemm mhux ukoll formalment il-kiri, lil terzi, mela ghandha ssib ukoll illi*

*effettivament, ghalkemm mhux formalment, ceda l-kiri wkoll."*

Illi kif inghad fid-decizjoni **"Vincent Curmi nomine vs Joseph Zammit"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Lulju 2005) sabiex fond jibqa' jgawdi l-protezzjoni specjali tal-ligi jehtieg li dan jibqa' jigi uzat bhala tali mill-kerrej stess u l-prova li dan ma ghadux il-kaz tista' ssir b'kull mezz li tipprovdi l-ligi u dan hekk gara. Jirrizulta f'dan il-kaz li minghajr il-kunsens espress tas-sidien tali fond gie cedut minn Mario Gauci ghal ghand Reuben Gauci, tant li l-istess Mario Gauci ma baqqhalu l-ebda interess fl-istess fond, u gie wkoll ippruvat li huwa saqsa lis-sidien sabiex jirrikonoxxu lil Mario Gauci bhala l-inkwilin il-gdid tal-istess ambjenti, izda s-sidien irrifjutaw li jaghmlu dan, u allura f'dan il-kaz ma hemmx il-kunsens espress tas-sidien, izda c-cahda ghal tali kunsens, u l-fatt li xorta wahda jirrizulta li l-istess inkwilin ceda l-istess fond lil Reuben Gauci jfisser li hemm vjolazzjoni ta' dan id-divjet li tippreciza l-ligi specjali li jgib il-konsegwenza li s-sid ghandu d-dritt li ma jgeddidx il-kirja u jinvoka l-isfratt ta' l-inkwilin. Dan kollu kien jinkombi fuq l-appellanti bhala sidien li jippruvawh u fil-fatt din il-Qorti thoss li ma hemmx dubju li dan gie ppruvat ghaliex il-persuna li baqghet tuza l-fond kienet biss Reuben Gauci, u jista' jinghad li Mario Gauci abbanduna l-istess fond (**"Victoria Mifsud vs Joseph Falzon"** – A.I.C. (PS) – 7 ta' Frar 2007).

Illi huwa minnu li l-Qorti tat-tieni istanza bhala regola ma tindahalx fl-apprezzament tal-provi li jkun ghamel l-ewwel tribunal, izda din ir-regola mhux assoluta, specjalment meta din il-Qorti tkun konvinta li altrimenti tkun ser tigi kkawzata ngustizzja manifesta. Dan isehh, meta bhal dan il-kaz, jitnissel fiha konvinciment morali li l-provi huma tali li ma kienux u ma jistghux iwasslu ghall-konkluzjoni li ghaliha kien wasal l-ewwel tribunal, u ghalhekk f'dan il-kaz din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni hija obbligata li tiddelibera s-sentenza taghha fuq il-kaz ta' fatt kif fil-fehma taghha tkun tirrizulta provata, anke jekk dan ifisser li jkollha fil-process tiskarta dawk il-fatti li s-sentenza appellata tkun additat bhala provanti jew ippruvati **("Emily**

**Stivala et vs George Pisani"** – A.C. – 6 ta' Ottubru 2000).

Illi dak li inghad fir-rigward tad-decizjoni tal-Bord meta saret riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **"Rita Pirotta vs Simon Carbonaro et"** (A.I.C. (PS) – 17 ta' Novembru 2004) kien qed jirreferi ghal dak li hemm dispost fl-**artikolu 1614 tal-Kap. 16** u ghall-kirja li ma kienitx taqa' taht il-**Kap. 69.** bhal ma huwa f'dan il-kaz fejn hemm riferenza ghal nuqqas ta' kunsens espress meta l-inkwilin hemm indikat jissulloka l-istess fond jew jittrasferrixxi l-kiri minghajr il-kunsens tas-sid u allura la darba jirrizulta li kerrej ceda l-istess fond lil dak li l-ligi tikkonsidra bhala terz, u dan isir minghajr il-kunsens espress tas-sid, mela allura japplikaw id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 9 tal-Kap. 69.** F'dan il-kaz, hekk sehh u l-fatt li gie pprezentat *cheque* minn Reuben Gauci sabiex ihallas il-kera, u dan ic-cekk qatt ma ssaraf, ifisser li fl-ebda stadju s-sidien ma rrikonoxxew lill-istess bhala l-inkwilin il-gdid, ghaliex tali promessa ta' hlas permezz ta' cekk qatt ma giet accettata mis-sidien, u ghalhekk anke fuq dan il-punt l-appell odjern jidher li huwa fondat u ghalhekk l-appell qed jigi milqugh.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi tilqa' l-appell tal-appellanti Adrian Salomone et datat 17 ta' Gunju 2011 fis-sens hawn deciz, b'dan li din il-Qorti qed tirrevoka d-decizjoni tal-Bord li Jirregola l-Kera fl-ismijiet **"Adrian Salamone et vs Mario Gauci et" (Rikors Numru 15/2004) ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk tawtorizza lir-rikorrenti appellanti jirriprendu l-pussess tal-fond u ghal dan l-iskop din il-Qorti qed tipprefiggi terminu qasir u perentorju ta' tletin gurnata mid-data ta' din is-sentenza sabiex l-istess intimat Mario Gauci jizgumbra mill-istess fond 43/1, South Street, Valletta.**

**Bl-ispejjez kollha kontra l-appellat Mario Gauci.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------